

# V.DA KONFRATERNITÀ

## TAL-B.V.M TAL-KARMELU

**A.D. 1801**

23 t'April 2013

Ħuti Fratelli,

**Nhar il-Ħadd, 5 ta' Mejju, niċċelebraw il-festa tal-Patrijarka San Ġużepp**. Wara l-quddiesa kantata fis-6.00 p.m. issir il-purċissjoni.

**Nhar l-Erbgħa, 15 ta' Mejju, niċċelebraw l-Aħħar Erbgħa tal-Madonna tal-Karmnu**. Importanti li tkunu l-knisja fis-6.00 p.m. ħalli lebsin il-kunfratija u l-muzzetta nassistu għall-quddiesa, li toħroġ fis-6.30 p.m., lebsin ta' fratelli. Wara l-quddiesa nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni Marjana li ssir fuq l-artal tal-Madonna tal-Karmnu u nimxu lejn l-artal maġġur fejn jitkanta 'Te Deum' ta' ringrazzjament lil Alla u wara tingħata l-Barka Sagramentali. Il-funzjoni tintemm bil-bews tar-Relikwa.

**Nhar il-Ħadd, 2 ta' Ġunju niċċelebraw is-solennità ta' Corpus Christi**. Fis-6.00 p.m. tibda l-quddiesa kantata u wara l-fratelli jakkumpanjaw fil-purċissjoni bis-Sagrament.

Infakkarkom li min hu interessat li jerfa' fil-vara tal-Madonna tal-Karmnu waqt il-purċissjoni ta' nhar il-festa, li din is-sena se taħbat il-Ħadd, 21 ta' Lulju, importanti li jingħaqad fi grupp ta' 4 fratelli li jkunu jissodisfaw waħda minn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

a) Servizz FESTA 2012 u servizz ieħor matul is-sena.

jew

b) ĦAMES SERVIZZI matul is-sena.

Importanti li timlew il-formola, li qed nibagħtulkom ma' din iċ-ċirkulari, bl-ismijiet ta' dawk interessati u titfgħuha f'kaxxa apposta li se jkun hemm għand l-Arċipriet jew tgħadduha lil xi ħadd mill-Kumitat tal-Fratellanza, sa mhux aktar tard minn nhar il-Ħadd, 2 ta' Ġunju.

Wara li jiġu ċċekkjati l-formoli mitfugħa**, il-polza tar-reffiegħa tittella' nhar il-Ħadd, 9 ta' Ġunju, fl-10.30 a.m., fl-Oratorju**. Importanti li għat-tlugħ tal-polza jkun hemm, għallinqas, membru minn kull grupp preżenti.

**Joseph Buhagiar**
**Segretarju**

FRATELLANZA TAL-B.V.M. TAL-KARMELU IMWAQQFA FL-1801 - PARROĊĊA ŻURRIEQ
RETTUR - FRANCIS FARRUGIA TEL : 21641358 • MOB : 79479119
SEGRETARJU - JOSEPH BUHAGIAR TEL : 21647403 • MOB : 99488262